MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Numru. 116/2012

**Il-Pulizija**

**vs**

**Roderick Montesin**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Roderick Montesin, bin Emanuel u Gaetana nee` Magri, imwieled il-Pieta` nhar il-5 ta' Frar 1988, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 79588(M) u residenti gewwa Binja Hesra, Ent. E., Flat 5, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi:

Akkuzat talli:

1. Nhar il-15 ta' Novembru 2011, ghal habta tal-10.00 p.m. u fil-hinijiet ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Akkuzat ukoll bi ksur tal-*Probation* a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu;

3. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi kollha mressqa fil-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Konsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Illi jirrizulta car mill-provi prodotti illi wara li dakinhar stess tal-15 ta' Novembru 2011, l-imputat hareg mill-habs, huwa abbuza mid-droga eroina, bir-rizultat illi soffra minn *overdose*. Fix-xhieda tieghu tat-30 ta' April 2012, **l-Ispettur Roderick Zammit**[1] xehed illi fl-imsemmija data ghall-habta tal-10.30 p.m., PS 856 Conrad Falzon informah illi kienu ghadhom kemm gew informati mill-*control room* tal-pulizija illi gewwa residenza fis-Siggiewi, kien hemm guvni b'*overdose* jew li x'aktarx kien mejjet. Fuq il-post, il-pulizija sabu lill-imputat fil-kamra tas-sodda tieghu mitluq fuq is-sodda, fil-waqt li hdejh kien hemm ommu u ohtu. L-imputat inghata l-assistenza medika minn Dr. Michael Spiteri, tabib mill-isptar Mater Dei, u ttiehed gewwa l-isptar. L-imputat rrilaxxja stqarrija nhar il-21 ta' Novembru 2011, wara li gie rilaxxjat mill-isptar.

[1] A fol. 10 sa 13 tal-process.

Fl-istess seduta xehed ukoll **PS 856 Conrad Falzon**[2], li kkonferma x-xhieda tal-Ispettur Zammit u qal ukoll illi oht l-imputat kienet qaltlu illi kienet semghet lil huha, li kien fil-kamra tas-sodda, li ma kienx qed jiehu nifs sewwa u meta dahlet hdejh, sabitu vjola u ma kienx qed jiehu nifs. Ix-xhud qal ukoll illi Dr. Michael Spiteri kien staqsa lil hu l-imputat, Melvin, dwar x'kien ha l-imputat, u dan qallu li kien jaf li ha l-eroina. Xehed ukoll **Dr. Malcolm Buhagiar**[3], *House Officer* gewwa l-Isptar Mater Dei, li qal illi fil-15 ta' Novembru 2011, l-imputat iddahhal gewwa l-istess Sptar b'*overdose* x'aktarx ta' *opiates*, ghalkemm ma setghax jghid x'kienet ezatt is-sustanza, ghaliex ma kellux id-dokumentazzjoni relattiva. Qal ukoll illi minn test tal-awrina, giet ikkonfermata l-presenza tal-*opiates*, izda ma kinux jafu x'inhi s-sustanza.

Mir-relazzjoni tal-espert Dr. Mario Scerri[4], liema relazzjoni tinsab esebita fl-atti tal-process verbal redatt dwar il-kaz odjern, jirrizulta *inter alia* illi l-imputat kellu puntura friska fuq il-*femoral vessels* tan-naha tax-xellug. In oltre, skond l-istess relazzjoni, l-espert Dr. Scerri ra r-rizultati tossikologici minn kampjuni li ttiehdu lill-imputat meta dan iddahhal gewwa l-isptar u kien mitluf minn sensieh, liema rizultati kienu jindikaw illi kien hemm livelli gholjin ta' *opiates.*[5]

Illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-**imputat** fil-21 ta' Novembru 2011[6] u dan wara illi nghata d-debita twissija illi kellu d-dritt illi jibqa' sieket, kif ukoll wara li nghata d-dritt sabiex jiehu parir legali, liema dritt huwa ghazel li jirrifjutah, jirrizulta illi l-istess imputat stqarr illi wara li dakinhar stess tal-15 ta' Novembru 2011 huwa nghata sentenza ta' prigunerija effettiva ta' tminn xhur, huwa gie *released* ghaliex diga` kien skonta din il-piena, u wara li mar il-habs sabiex jigbor hwejjgu u mbaghad mar id-dar, sussegwentement mar il-Hamrun minn fejn xtara pakkett *smack* bil-prezz ta' €10. Izjed tard, wara li ltaqa' mat-tfajla u anke mar jiffirma gewwa l-ghassa, mar id-dar, inqafel fil-kamra u ha l-pakkett

---

[2] A fol. 17 sa 19 tal-process.
[3] A fol. 20 sa 22 tal-process.
[4] A fol. 26 *et seq* tal-process verbal, liema process verbal jinsab esebit a fol. 16 tal-process.
[5] A fol. 32 tal-process verbal.
[6] A fol. 5 u 6 tal-process.

tal-*ismack* li kien xtara qabel. Mistoqsi jekk kienx qal lil xi haddiehor li kien ha jiehu l-*ismack*, huwa qal li jekk kien jaf, kien huh Melvin.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-istess imputat fl-istqarrija tieghu, kif ukoll mill-bqija tal-provi prodotti li jikkorroboraw dak li qal l-imputat fl-istess stqarrija, fosthom ir-rizultanzi li jemergu mir-relazzjoni tal-espert Dr. Mario Scerri ossia illi l-imputat kellu puntura friska u anke illi r-rizultati tossikologici kienu jindikaw livelli gholjin ta' *opiates*, liema punt gie wkoll ikkonfermat minn Dr. Malcolm Buhagiar, il-Qorti tqis illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fil-grad rikjest mil-ligi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, ossia illi l-imputat kiser Ordni ta' *Probation*, il-prosekuzzjoni esebiet zewg sentenzi[7], wahda mil-liema madankollu hija sempliciment kopja li lanqas ma hija ffirmatha bhala vera kopja mid-Deputat Registratur. Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' din is-sentenza. Veru illi mit-tieni sentenza esebita u cioe` s-sentenza moghtija kontra l-imputat mill-Qorti tal-Magistrati, preseduta mill-Magistrat (illum Imhallef) Dr. Edwina Grima tal-15 ta' Novembru 2011, jirrizulta illi permezz ta' din l-ahhar sentenza, gie ordnat illi l-Ordni ta' *Probation* imposta fuq l-istess imputat permezz tas-sentenza precedenti tad-29 ta' Novembru 2010 kellha tibqa' fis-sehh, u minkejja illi m'hemm indikat l-ebda terminu rigwardanti l-Ordni ta' *Probation* f'din is-sentenza, jirrizulta car illi la darba r-reat odjern gie kommess fl-istess data li fiha nghatat is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, allura l-imputat kiser dak l-istess Ordni ta' *Probation* li rega' gie kkonfermat b'din l-ahhar sentenza. Madankollu ghalkemm l-imputat qed jinstab hati talli kiser l-Ordni ta' *Probation*, liema Ordni giet ikkonfermatha kif inghad permezz tas-sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, il-Qorti ma tistax titratta mal-imputat dwar ir-reati li huwa kien instab hati taghhom u li dwarhom huwa

[7] A fol. 26 *et seq* tal-process.

originarjament inghata Ordni ta’ *Probation* permezz ta’ sentenza tad-29 ta’ Novembru 2010, meta fl-atti ma gietx esebita vera kopja ta’ din is-sentenza.

Fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9, jirrizulta illi permezz tas-sentenza moghtija fil-konfront tieghu fl-istess jum tal-imputazzjonijiet odjerni, l-imputat gie kkundannat ghal piena ta’ tmien xhur prigunerija effettiva. Jirrizulta wkoll mill-istqarrija tal-imputat, illi huwa diga` kien skonta din il-piena fil-jum li fiha nghata s-sentenza u ghaldaqstant huwa gie rilaxxjat immedjatament, bil-konsegwenza li filghaxija kkommetta l-*overdose* mertu ta’ dan il-kaz. Ghaldaqstant stante illi l-imputat diga` kien skonta l-piena mertu tas-sentenza tal-15 ta’ Novembru 2011, huwa sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena</u>**

Illi ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi ghalkemm ma kienx hemm ammissjoni da parti tal-imputat f’dawn il-proceduri, huwa mill-ewwel ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta wkoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat.

Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reat in kwistjoni, liema fedina penali dak iz-zmien kienet tikkonsisti f’sejbien ta’ htija, f’zewg okkazzjonijiet, dwar serq aggravat, fir-rigward ta’ liema huwa nghata Ordni ta’ *Probation* u sentenza ta’ prigunerija effettiva. Mill-fedina penali aggornata imbaghad jirrizulta wkoll illi l-imputat sussegwentement gie kkundannat *inter alia* dwar serq aggravat, f’zewg okkazzjonijiet ohrajn u pussess semplici tad-droga. Madankollu, mill-istess fedina penali aggornata jidher ukoll illi l-ahhar reat li jinvolvi serq jirrisali ghal Frar tas-sena 2012.

Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda ta' **Jean Cali`**, in rapprezentanza tal-Agenzija Caritas[8], tal-4 ta' Dicembru 2013, mil-liema xhieda jirrizulta illi fl-1 ta' Novembru 2013, l-imputat dahal f'*evening programme* mal-istess Agenzija, u li sabiex seta' kien eligibbli ghal dan il-programm, kien jehtieg li huwa jkollu mpjieg fiss. Hija qalet illi l-imputat kien ghadu kif biddel l-impjieg tieghu u kien ilu fl-impjieg il-gdid ghal tlett gimghat. Qalet illi kellu jitlaq mix-xoghol li kien fih qabel ghaliex kien wegga` u kellu xi problemi fir-rigward tas-*sick leave.* Ix-xhud spjegat illi lill-imputat jettihdulu kampjuni tal-urina kull gimgha u li dawn il-kampjuni ilhom jirrizultaw fin-negattiv minn Settembru tas-sena 2012. Qalet ukoll illi l-imputat dejjem ikkopera u ghamel progress kbir.

Ikkunsidrat ukoll is-suggeriment maghmul lilha mill-partijiet, fis-sens illi fic-cirkostanzi, Ordni ta' *Probation* fil-massimu taghha, ghandha tkun piena idonea u fid-dawl tal-fatt illi l-imputat irnexxielu jibqa' l-boghod mid-droga minn Settembru 2012, tali Ordni sservi sabiex tkompli tibni fuq il-progress li ghamel l-istess imputat.

Fic-cirkostanzi il-Qorti taqbel mas-suggeriment maghmul lilha mill-partijiet u tqis illi piena ta' prigunerija effettiva ma tkunx idonea. Jidher illi l-imputat zamm il-boghod mid-droga u ghamel progress sostanzjali f'hajtu, liema progress jirrizulta anke minn harsa lejn il-fedina penali aggornata tieghu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **hati** tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tal-addebitu tar-recidiva, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap.

[8] A fol. 36 sa 38 tal-process.

446, qed tqieghdu taht Ordni ta’ *Probation* ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni hawn annessa, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, minkejja li l-imputat qed jinstab hati tal-istess a bazi tas-sentenza moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, fil-15 ta’ Novembru 2011, madankollu stante illi ma gietx esebita vera kopja tas-sentenza tad-29 ta’ Novembru 2010, il-Qorti ma tistax u m’hijiex titratta mal-imputat dwar ir-reati li taghhom huwa nstab hati permezz ta’ din l-ahhar sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati fi kliem semplici, il-konsegwenzi skond il-ligi kemm il-darba huwa jikser xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-*Probation* jew kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu tal-*Probation.*

Il-Qorti qeghda tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina, ammontanti ghas-somma ta’ mija, disgha u hamsin Euro u tminn centezmi (€159.08), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta’ PS1253 Frederick Brincat, ammontanti ghas-somma ta’ erbgha u sebghin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€74.52) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Mario Scerri ammontanti ghas-somma ta’ mitejn u tlettax-il Euro u tmienja u sittin centezmu (€213.68), liema spejjez jammontaw ghal total ta’ erba’ mija, sebgha u erbghin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€447.28). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien ghaxar xhur mil-lum, b’dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tintbaghad lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole.*

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------